# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 428/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Pierre Grech)

vs

**Stephanie Busuttil**

bint Carmel, imwieleda Pieta', fit-2 ta' Ottubru, 1988 detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 454188(M)

Illum, 11 ta' April, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellata Stephanie Busuttil quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer, fit-28 ta' Gunju, 2005 u matul is-sena qabel din id-data:

a) Ittraffikat, bieghet, qassmet jew offriet li tittraffika, tbiegh jew tqassam medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent

tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 ta' l-1985 kif emendati;

b) Kellha fil-pussess taghha medicina ristretta u psikotropika (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicina, Avviz Legali 22 ta' l-1985 kif emendati;

c) Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollha bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Ottubru, 2013 fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha u illiberatha.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali tat-18 ta' Ottubru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz issib lill-appellata ħatja tal-akkużi kif dedotti kontra tagħha u tinfliġġi l-piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fid-9 ta' Otttubru 2013 l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlet enunċazzjoni żbaljata tal-liġi li wassal għal apprezzament żbaljat tal-provi bil-konsegwenza li l-imputata ġiet liberata mill-akkużi dedotti kontra tagħha.

Illi l-esponent Avukat Ġenerali intavola dan l-appell a bazi ta` dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(ċ) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza liberatorja taghha hawn fuq riferita, *inter alia* għamlet apprezżżament żbaljat tal-provi kif miġjuba li fil-fatt wasslet għall-ħelsien tal-imputata mill-imputazzjonijiet kif miġjuba kontriha, u dan għar-raġunijiet segwenti :

Illi fis-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet *"Illi l-unika prova li setgħet titfa' dawl dwar il-ħtija o meno tal-imputata f'din il-kawża, kienet fil-fatt l-istqarrija tal-istess imputata li madanakollu ġiet skartata minn din il-Qorti ... Illi għalhekk m'hemm l-ebda prova fl-atti illi a bażi tagħha tista' tinstab xi ħtija fl-imputata dwar l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha. Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħdha ssib lill-imputata mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u qegħdha tilliberaha minnhom"*.

Illi, bir-rispett dovut lejn l-Ewwel Qorti, f'każ bħal dan kellha tanalizza jekk il-prova tal-istqarrija setgħetx twassal għas-sejbien ta' ħtija o meno tal-akkużata konsiderando l-leżjoni fid-drittijiet tagħha li setgħet b'xi mod ivvizjat dak li l-appellata stqarret hemmhekk. Kwindi l-Qorti kellha ssaqsi lilha nnifisha x'effett seta' kellu l-fatt li l-appellata irilaxxat l-istqarrija mingħajr ma kienet assistita minn Avukat u kif dan il-fatt seta' jinfluwixxi fuq il-volontarjeta' tal-istqarrija tal-istess appellata.

Illi billi l-ewwel Qorti skartat l-istqarrija minħabba l-leżjoni, l-apprezzament tal-provi kif pretiż minnha li tagħmel ma sarx u dan peress li f'ebda mod m'apprezzat il-kontenut tal-istqarrija miġjuba quddiemha. Dan kollu sar irrispettivament tal-fatt li l-Ewwel Qorti għażlet li tirritjeni dan id-dokument bħala parti mill-provi fil-każ innifsu konsiderando wkoll li din l-istqarrija kienet finalment ittieħdet skond il-liġi[1] in vigore dak iż-żmien u li permezz ta ġurisprudenża nostrana konsiderando l-ammissjoni fiha, titqies ukoll bħala l-prova regina[2]. Dan anzi wassal sabiex il-Qorti tal-Maġistrat tat rimedju Hi għall-lezjoni tad-dritt tas-smiegħ xieraq tal-akkużata,

---

[1] Artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali.

[2] Pulizija vs Richard Borg deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Settembru 2002, '*Hija regola kardinali tal-process kriminali li l-konfessjoni tal-hati hija l-"prova regina" u ma jistax ikollok prova aqwa minnha, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b' theddid jew b'biza, jew b' weghdiet jew bi twebbil ta' vantagg u kull haga li l-imputat jew l-akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kif ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra tieghu.(Art. 658 Kap.9)*'

xi ħaġa li semmai kellu jkun il-kompitu tal-Qorti Kostituzzjonali.  Kull ma kellha tagħmel l-ewwel Qorti kienet li tqis jekk l-akkużata hux lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, ħatja jew le tal-akkużi miġjuba kontriha fid-dawl tal-provi kollha.

Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit, l-argumentazzjoni tal-esponent qed jiġi sostnut ukoll in linea tal-artikolu 349(2) tal-Kodiċi Kriminali li jaqa taħt it-titolu dwar is-setgħat u d-dmirijiet tal-Pulizija Eżekuttiva fil-proċedimenti Kriminali u li fosthom jinkludu t-teħid ta' kampjuni u anki d-dritt tal-assitenza legali.  Dan l-artikolu jinqara kif ġej:

**349**.*(1) Uffiċjal tal-pulizija għandu jkollu biss dawk is-setgħat vestiti fih skont il-liġi u fil-limitu awtorizzat mil-liġi, u f'din id-disposizzjoni l-kelma liġi għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.*

*(2) <u>L-ommissjoni ta' xi kawzjoni, formalità jew ħtieġa preskritti taħt dan it-Titolu m'għandhom ikunu ta' ebda ostaklu biex tinġieb prova, waqt il-kawża, b'mod permess bil-liġi, dwar il-fatti li għalihom tkun tirrelata dik il-prekawzjoni, formalità jew ħtieġa.</u>*

Kwindi jekk qedgħin nikkonċedu li l-appellata ma ngħatatx l-opportunita' li tikkonsulta ma' avukat u minħabba f'hekk poġġiet lilha nnifsha f'posizzjoni preġudikanti li setgħet tinkriminaha u li kwindi wasslet għall-leżjoni tad-drittijiet tagħha, tali ommissjoni ta'  formalità jew ħtieġa, mhuwiex ostakolu għall-ammissibbilità tal-provi u kwindi l-Qorti ma setgħetx ma tappreżżax din il-prova u sempliċiment tiskartha' minħabba n-nuqqas tal-preżenza tal-Avukat fil-*pre-trial stage,* iktar u iktar meta lanqas biss kienet rikjesta mill-liġi ta' dak iż-żmien li din issir *ad obligatem*. Dan ma jfissirx li jekk il-pulizija tonqos milli tħares xi waħda minn dawn il-formalitajiet hi ma tkunx responsabbli għan-nuqqasijiet da parti tagħha iżda lanqas ma jfisser li fin-nuqqas tagħhom il-prova li tkun inġabret fiha nnifisha tispiċċa fix-xejn.

Illi kien għalhekk li l-ewwel Qorti kellha tapprezza l-kontenut ta' din il-prova u tapprezza l-piż jew pern tagħha fid-dawl tal-lezjoni.  Meta sempliċiment skartat il-prova tal-istqarrija a bażi tal-leżjoni tad-dritt fundamentali, mingħajr lanqas ma kkunsidrat u analiżżat il-kontenut tagħha, l-ewwel Qorti għamlet il-kontra ta' dak li tisħaqq id-disposizzjoni hawn fuq ikkwotata.

Illi ma huwiex il-kompitu ta' l-ewwel Qorti li tirrimedja flok il-Qorti Kostituzzjonali speċjalment minħabba l-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali tista' tirrikonoxxi ksur tad-drittijiet fundamentali mingħajr ma tirrimedjaħ (*just satisfaction*). Din iċ-ċirkostanża filfatt irriżultat fil-kawża Kostituzzjonali fl-ismijiet *Pulizija vs Noel Arrigo et* fejn dik l-Onorabbli Qorti ddeċidiet li kien hemm leżjoni iżda ma tat l-ebda rimedju effettiv apparti li *'titqiegħed kopja ta' dan il-ġudikat fl-atti tal-proċess kriminali fl-ismijiet 'Pulizija vs Dr. Noel Arrigo LL.D. et illi fiħ ir-referenża kostituzzjonali odjerna'*.[3] Effettivament allavolja ġiet iddikjarata din il-lezjoni, il-każ kontra l-akkużati Arrigo u Vella kompla skond il-liġi penali u sa fl-aħħar ġew misjuba ħatja u ġġudikati mill-Qrati penali u kkonfermati f'istadju ta' appell fil-każ tal-Prim Imħallef emeritus Noel Arrigo. Ma kien hemm l-ebda jedd da parti tal-Qorti Kriminali jew penali li tipprovdi rimedju flok il-Qorti Kostituzzjonali għas-sentenża ta' leżjoni mogħtija mill-istess. Il-leżjoni ġiet rikonoxxuta u l-proċeduri tkomplew skond il-liġi minn hemmhekk il-quddiem.

Illi, f'dan l-isfond irridu nieħdu ukoll in konsiderazzjoni li illum il-ġurnata l-każistika dwar dan is-suġġett stabbilizza ruħu u issa għandna idea aktar ċara ta' kif il-kwistjoni ta' l-istqarrija u l-volontarjeta' tagħha għandha tiġi interpretata f'ċirkustanzi differenti. Nirreferi għal każ fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Greta Elena Loredana Mercieca"[4] fejn l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruħha hekk –

> *Fil-każ in eżami ... l-appellata kienet mgħarrfa bil-jedd tagħha li tibqa' siekta u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulha mill-uffiċjal investigatur. Ma jirriżultax li kellha esperjenzi oħrajn ta' interrogazzjonijiet mill-Pulizija qabel dan, iżda l-għażla li twieġeb jew ma tweġibx setgħet tagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk tali għażla għamlitha b'liberta' sħiħa. Difatti mhux talli ma saret l-ebda allegazzjoni li l-istqarrija tagħha ma ġietx magħmula minnha volontarjament jew li ġiet imġiegħla jew meħuda b'theddid jew biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi (artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali), talli fis-seduta tal-31 ta' Ottubru*

---

[3] Qorti Kostituzzjonali, Onor Imħallef Anton Depasquale, Onor Imħallef Albert J. Magri u l-Onor Imħallef Geoffrey Valenzia, deċiża fid-29 ta' Ottubru 2003.

[4] Qorti ta' l-Appell Kriminali, Onor. Imħallef David Scicluna, deċiża fl-10 ta' April 2013.

*2011 id-difiża għamlet verbal fejn iddikjarat li 'qed teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq xhieda tal-identita' u volontarjeta' tal-istqarrija'. Ġaladarba d-difiża ma kinitx qed tikkontesta l-volontarjeta' ta' l-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tiġi skartata fuq il-bażi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta' ma ġietx messa in diskussjoni. Konsegwentement, in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta' ta' l-istqarrija ta' l-appellata, f'dan il-każ tali stqarrija hi prova valida u ammissibli.*

L-istess intqal fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Debbie Antoinette Vella"[5] –

*... l-appellata kienet mgħarrfa bil-jedd tagħha li tibqa' siekta u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulha mill-uffiċjal investigatur. Ma jirriżultax li kellha esperjenzi oħrajn ta' interrogazzjonijiet mill-Pulizija qabel dan, iżda l-għażla li twieġeb jew ma tweġibx setgħet tagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk tali għażla għamiltha b'liberta' sħiħa. Difatti ... [ma] saret l-ebda allegazzjoni li l-istqarrija tagħha ma ġietx magħmula minnha volontarjament jew li ġiet imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi (artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali) ... Ġaladarba d-difiża ma kinitx qed tikkontesta l-volonntarjeta' ta' l-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tiġi skartata fuq il-bażi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le ... Konsegwentement in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta' ta' l-istqarrija ta' l-appellata, f'dan il-każ tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli.*

Illi kwindi jidher ċar li mhux talli sar apprezżżament ħażin tal-provi miġjuba iżda li saħansitra l-Qorti naqset kategorikament li tqis il-provi kollha miġjuba quddiema kif kienet pretiża li tagħmel skont il-liġi, u liema nuqqas wassal għall-liberatorja nġustifikata tal-appellata li finalment kienet ammettiet għall-akkużi miġjuba kontriha di *sua sponte*. In-nuqqas ta' apprezzament ta' l-ewwel Qorti u l-konklużjonijiet għas-sentenża liberatorja Tagħha indubjament ma jirrappreżentawx

[5] Qorti ta' l-Appell Kriminali, Onor. Imħallef David Scicluna, deċiża fl-10 ta' April 2013.

apprezzament siewi tal-provi prodotti li kwindi ma jiġġustifikawx il-konklużjonijiet tas-sentenza appellata .

Rat l-atti kollha tal-kawza.
Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi f'dan l-appell partikolari ftit hemm xi tghid.

Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha tas-7 ta' Ottubru, 2013 kienet skartat fil-konsiderazzjonijiet taghha l-istqarrija tal-appellata. Kienet ikkonkludiet ukoll li ma kien hemm ebda provi ohra kontra l-appellata u ghalhekk ordnat il-helsien taghha minn kull htija.

Illi din l-intwizzjoni ta' l-ewwel Qorti sabet konfort fl-appell deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza ta' l-1 ta' Dicembru, 2016 fl-ismijiet 'The Republic of Malta v. Chukwudi Samuel Onyeabor'.

Illi kwalunkwe kumment iehor hu zejjed u illum il-kazistika in materja hi assodata u stqarrijiet bhala din in atti sistematikament jigu zfilzati mill-atti.

Ghaldaqstant, tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.